**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 13 ta' Lulju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 102/2021 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C D,**

**Dr Jason Grima u l-Prokuratur Legali Ann Bartolo nominati b'Digriet tal-24 ta' Mejju 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri E D, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni extra-maritali u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D nhar it-tmintax (18) ta' Frar elfejn u tnax (2012);*

2. *Illi minkejja illi l-attur kien ghadu go relazzjoni mal-intimata dak iż-żmien li twieled l-istess minuri E D u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghal xi raguni jew ohra l-intimata ddecidiet li tqatta' kull kuntatt mar-rikorrenti u dan ghall-ebda raguni valida fil-ligi;*

3. *Illi skond l-informazzjoni li ghandu l-esponenti fic-certifikat tat-twelid kemm iddikjarat li l-minuri huwa iben missier mhux maghruf meta fil-fatt, l-esponenti huwa l-missier bijologiku tal-minuri;*

4. *Illi r-rikorrent ghandu interess li tigi ddikjarata l-paternita' reali tal-minuri E Vnventi billi jrid jirrikonoxxi u jmantni lill-minuri;*

5. *Illi l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali li ggib numru 82/17 li kopja taghha qieghda tigi ezebita u mmarkata bhala Dok KN1;*

6. *Illi anke wara n-notifika pozittiva tal-ittra ufficjali, l-intimata baqgħet inadempjenti;*

7. *Illi l-intimata qieghda tichad li l-minuri huwa l-iben attur minhabba ragunijiet personali u familjari kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza, izda din mhijiex raguni bizzejjed ghaliex il-minuri ghandu jibqa' mnizzel bhala iben missier mhux maghruf;*

8. *Illi l-paternita' vertjiera tal-minuri E tista' tigi facilment stabbilita permezz ta' testijiet genetici;*

9. *Illi ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti kien kostrett li jipprezenta tali procedura ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-attur jixtieq li l-att tat-twelid tal-minuri jkun jirrifletti l-verita', mhux kif inhu fil-prezent;*

*Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna lill-intimata C D sabiex a tenur tal-Artikolu 70A(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan that dawk il-provvedimenti u ordnijietli joghgobha taghti fir-rigward, biex taghti l-kunsens taghha sabiex isiru l-ezamijiet u t-testijiet genetici necessarji dwar il-paternita fuq il-persuna taghha u fuq dik ta' biha minuri E D billi jittihdilhom genetiku xieraq ghattest skond id-disposizzjonijiet tal-ligi vigenti, u wara li jsiru l-imsmemmija examijiet u testijiet u kemm-il darba jirrizulta minnhom li r-rikorrent huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E;*

2. *Tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E D;*

3. *Tiddikjara illi l-minuri E huwa l-wild naturali tieghu u li l-istess esponenti huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D;*

4. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E D li jgib in-numru 1274 tal-2012 fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E D billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier unknown father jikkancella l-isem unknown father u jissostitwih bl-isem A B u billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom it-tarbija jikkancella l-kujom D u jissostitwih bil-kunjom B.*

*Bl-ispejjez inkluz tal-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 82/17 kontra l-intimata C Vinventi wehidha billi kienet wehidha illi pprovokat din l-istanza.*

*L-intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni flimkien mal-intimati l-ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-digriet tas-17 ta' Mejju 2022,[2] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors datat 16 ta' Mejju 2022,[3] fis-sens illi ssir il-korrezzjoni fir-rikors promotur billi r-referenza għal-*'Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta'* fl-ewwel taba tal-attur tiġi sostitwta b'*'Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta'*;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[4] fejn eċċepixxa:

---

[2] Fol. 48.
[3] Fol. 47.
[4] Fol. 24.

1. *Illi fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri E D, l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lil-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jistieden lill-attur sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (i) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tiegħu meta twieled il-minuri E, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri E, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru, u (7) Jekk missier l-attur kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri E. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex eventwalment tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

5. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar is-6 ta' Awwissu 2021,[5] madanakollu mill-atti jirriżulta li din naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit fil-liġi. Fil-fatt fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, il-konvenuta ġiet iddikjarata li tinsab fi stat ta' kontumaċja;[6]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati,[7] in rappreżentanza tal-minuri, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri jekk ikun il-kaz;*

2. *Illi huwa r-rikorrenti li ghandu l-piz tal-priva u cjoe huwa jrid jressaq dawk il-provi li jikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi huwa ma hux il-missier naturali ta' E D;*

3. *Illi zgur mhux fl-interess tal-minuri li c-certifikat tat-twelid tieghu ikun jaqra li huwa iben ta' missier li ma hux missieru, u ghalhekk il-kuraturi esponenti jitolbu li l-ko-intimata tiddikjaramin hu l-missier naturali tal-minuri ghaliex bl-ebda mod m'ghandu jbati prehudizzju il-minuri minhabba agir tal-genitur tieghu;*

4. *Illi bla preġudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi hekk kif inhu provdut fl-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u f'tali ċirkostanza, l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

[5] Fol. 30.
[6] Fol. 31.
[7] Fol. 53.

Rat id-digriet tal-24 ta' Mejju 2021,[8] u dan wara rikors intavolat mil-attur nhar it-30 ta' Marzu 2021,[9] fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Noel Bartolo u lill-Prokuratur Legali Lindsey Ann Bartolo bħala kuraturi deputati għall-finijiet kollha tal-liġi sabiex jirrappreżentaw lil minuri E D;

Rat id-digriet tad-9 ta' Ġunju 2021,[10] fejn il-Qorti issostitwixxiet lill-kuratur deputat Dr Noel Bartolo b'Dr Jason Grima sabiex jirrappreżenta lill-minuri E D;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E D bin-numru progressiv 1274 tas-sena 2012;[11]

Rat kopja tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Ġunju 2017, fejn C D ġiet interpellata għar-reġistrazzjoni tal-minuri taħt isem l-attur, sabiex dan tal-aħħar ikun rikonoxxut legalment bħala missieru;[12]

Rat l-affidavit tal-attur A B;[13]

Rat id-digriet tal-1 ta' Diċembru 2021,[14] fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta mill-attur u ħatret lil Dr Marisa Cassar sabiex twettaq dawk it-testijiet xjentifiċi fuq l-attur u l-minuri E D;

Rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar,[15] debitament maħluf u ppreżentat nhar is-27 ta' Jannar 2022, fejn tikkonferma li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E D, li flimkien mal-imsemmi affidavit jinsab anness ir-riżultat tat-test ġenetiku;

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, il-Qorti akkordat lill-konvenuta kontumaċi sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tagħha abbażi tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[16] Madanakollu, ebda nota ma ġiet ippreżentata;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

---

[8] Fol. 11.
[9] Fol. 13.
[10] Fol. 9.
[11] Fol. 6.
[12] Fol. 51.
[13] Fol. 33.
[14] Fol. 40.
[15] Fol. 42.
[16] Fol. 45.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[17]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-atttur, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti dikjarazjoni ġudizzjali fis-sens li t-tifel E D, li twieled mill-konvenuta C D nhar it-12 ta' Frar 2012, u li fuq l-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru progressiv 1274 tas-sena 2012 jinsab reġistrat bħala wild missier mhux magħruf u jġorr kunjom ommu ossija *'D'*, huwa fil-fatt it-tifel naturali tiegħu; kif ukoll sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja hekk kif minkejja li ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat tal-attur din għażlet li ma tippreżentax risposta ġuramentata entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum kif stabbilit fil-liġi nostrana, ma ttentatatx tiġġustifika tali stat u lanqas ma pprevalixxiet ruħha mill-fakolta' li *se mai* tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li kemm il-kuraturi deputati u kif ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrimettew rwieħhom għall-ġudizzju tal-Qorti.

**2. Provi Mresqa:**

Il-provi mresqa fil-kawża odjerna huma s-segwenti:

*L-attur xehed permezz ta' affidavit*,[18] fejn rrileva li ltaqa' mal-konvenuta fis-sena 2010 u bdew relazzjoni flimkien, fejn spiċċaw jgħixu taħt l-istess saqaf mill-2010 sal-2011. Jistqarr illi fl-2011 huma rrilokaw f'residenza ġewwa Raħal il-Ġdid, u għal ħabta ta' Ġunju ta' dik is-sena l-konvenuta skopriet li kienet tqila. Matul ix-xhur tat-tqala, l-attur jgħid li kien imur mal-konvenuta għall-appuntamenti kollha u kif ukoll kien xtara dak kollu li kien neċessarju għat-tarbija. Magħdud ma' dan, jisħaq li huwa kien saħansitra ffirma d-dokumenti neċessarji sabiex il-konvenuta

[17] *Ibid.*
[18] Fol. 33.

twelled, u b'hekk kien preżenti għat-twelid tal-minuri. Jingħad li l-minuri twieled nhar it-12 ta' Frar 2012 ġewwa l-iSptar Mater Dei.

Madwar xahar wara t-twelid tal-minuri, l-attur jispjega li kellu jmur l-Belġju minħabba xogħol. Qabel ma telaq huwa kien informa lil C fejn kien sejjer u għal liema raġuni, u jgħid ukoll li kien ħalla lill-konvenuta biżżejjed flus biex tixtri dak kollu li kien bżonn għat-tarbija. Sakemm kien għadu l-Belġju, l-attur jispjega li rċieva telefonata minn għand il-konvenuta fejn infurmatu li kienet iltaqgħat ma' raġel ieħor u riedet tibda relazzjoni miegħu. Minħabba tali aħbar, l-attur jgħid li temm ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta iżda xorta waħda baqa' jżur lill-ibnu ta' sikwit fir-residenza tal-konvenuta ġewwa Ħaż-Żabbar.

Konsegwentament l-attur jgħid li meta mar japplika għaċ-ċittadinanza tiegħu mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku skopra li l-konvenuta qatt ma rreġistratu bħala missier il-minuri fuq l-Att tat-Twelid tal-istess minuri. L-attur jallega illi l-konvenuta kienet stqarret miegħu illi hija qatt ma rreġistratu bħala l-missier tal-minuri sabiex tkun eleġibbli għall-benefiċċji soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. L-attur jtemm jgħid illi stante s-suespost huwa pproċeda b'azzjoni legali kontra l-konvenuta.

<u>*L-affidavit ta' Dr Marisa Cassar*</u>,[19] fejn ikkonfermat illi *"ġbart il-kampjuni orali ta' E D ID No. XX u ta' A B ID No. XX sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ta' DNA (Paternity Test). Mit-testijiet li għamilt irriżulta A B ID No. XX hu l-missier naturali ta' en D ID No. XX. Dan ir-rizultat jinsab dikjarat fir-rapport PT2101465 li jien iffirmajt".*[20] Dan ir-rapport, jinsab anness mal-imsemmi affidavit. Permezz ta' dan ir-riżultat, it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

<u>*Nota bid-dettalji tal-attur*</u>,[21] li tispeċifika illi: (i) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu hija XX; (2) Ismu u kunjomu huma A B; (3) L-eta' tiegħu meta twieled il-minuri E kienet dik ta' 32 sena; (4) Il-post tat-twelid tiegħu huwa Ghana; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri E huwa Raħal il-Ġdid, Malta; (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru huwa A F G; u (7) Missier l-attur kien ħaj meta twieled il-minuri. Permezz ta' din in-nota, it-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

[19] Fol. 43.
[20] *Ibid.*
[21] Fol. 49.

## 3. Il-Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:*

*Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun biħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:*

*Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili.*

*(2) Meta ż-żewġ ġenituri, jew il-werrieta tal-ġenitur li wiled, meta dak il-ġenitur li wiled ikun mejjet, jaqblu li jibdlu l-kunjom indikat fl-att tat-twelid fil-mument tar-reġistrazzjoni, għandha ssir referenza għal dan il-qbil fl-ittra uffiċjali u fin-nota relattiva kif imsemmi fis-subartikolu (1), sakemm tali kunjom huwa permissibbli skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 92(1)".*

Referenza trid issir għall-Artikolu 100A, li jrid jinqara kontestwalment mal-Artikolu 70A subinċiż 1, li jipprovdu hekk rispettivament:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."*

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

Magħdud mal-premess, referenza trid issir għall-Artikolu 92 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili u dan fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-iben:

*"Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm".*

**4. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:**

Mill-provi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta C D twieled it-tifel E D fit-12 ta' Frar 2012, u li dan ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bħala wild ta' missier mhux magħruf.
In propożitu l-attur jgħid li huwa dejjem kellu interess fit-tarbija u kien mingħalih illi huwa fil-fatt reġistrat bħala l-missier tal-minuri sakemm eventwalment skopra b'kumbinazzjoni li huwa ma huwiex imniżżel u reġistrat bħala l-missier fl-Att tat-Twelid tal-minuri. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat l-affidavit u r-rapport anness ta' Dr Marisa Cassar, fejn ikkonfermat illi ħadet il-kampjuni minn fuq il-minuri u A B, fejn konsegwentament rriżulta li l-attur huwa fil-fatt missier il-minuri. Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma li r-rekwiżiti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni tal-attur tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma

jeżisti l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-minuri ġialadarba huwa ppruvat bl-aktar mod ċar u inekwivoku li E D huwa l-wild naturali tal-attur A B. Għaldaqstant hekk jirriżulta li t-tieni eċċezzjoni tad-Diretur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Stabilit il-premess u b'referenza għat-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirriżulta illi din ġiet ukoll sorvolata. Il-Qorti tinnota illi d-dettalji tal-attur A B ġew ippreżentati permezz ta' nota ppreżentata nhar is-16 ta' Mejju 2022, liema dettalji huma neċessarji għall-finijiet tal-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri u dan b'referenza għat-talba tal-attur u kif ukoll ir-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Qorti tara li l-attur jitlob li l-minuri għandu jassumi kunjomu, u ċjoe' *'B'*. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li ġialadarba l-konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja, hija ma kellhiex il-fakolta' li tesprimi x-xewqat tagħha dwar tali kwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-kuraturi deputati naqsu milli jirrilevaw x'għandu jsir fl-aħjar interessi tal-minuri. Għaldaqstant, il-Qorti rat Artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili, il-ġurisprudenza nostrana u kif ukoll l-eta' tal-minuri. Jidher li din is-sena, il-minuri għandu għaxar (10) snin u b'hekk il-Qorti hija konvinta illi f'dan l-istadju l-minuri ser jaqbad dalwaqt it-triq tal-addoloxenza tiegħu, fejn beda jsawwar l-identita' u ċirku soċjali tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Daniela Seisun pro et noe vs Aaron Magro et***,[22] fejn ġie mgħallem:

*"Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-konsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghal kaz odjern tenut kont tal-fatt li l-wild il-kbir illum ghandu 16-il sena u li qieghed fi zmien tal-adoloxxenza fejn persuna tkun qed tiffaccja sitwazzjonijiet li normalment huma assocjati ma' dan iz-zmien f'hajjitha u li l-identita` taghha hija ferm stabbilita bil-kunjom ta' Seisun u, wkoll wara li semghet il-minuri koncernat u anke lil huh ta' 11-il sena, il-Qorti ma tistax taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li l-bidla fil-kunjom tkun tirrifletti ahjar dak li issa gie xjentifikament u defenittivament stabbiliet li l-konvenut huwa missierhom".*

In vista tas-suespost, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tordna li l-minuri għandu jibqa' magħruf biss bil-kunjom ta' ommu, u ċjoe' *'D'*, u dan in vista tal-eta' tal-minuri u kif ukoll ġialadarba l-Qorti ma għandha l-ebda ħjiel dwar jekk l-attur għandux

[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Frar 2019.

relazzjoni *o meno* mal-minuri. L-istess tgħallim ġie addottat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet ***Lorraine Zarb vs. Etienne Baldacchino et***.[23]

Finalment u rigward l-ispejjeż, mill-atti jidher li l-attur ma kellu l-ebda għażla ħlief li jipproċedi b'ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ġialadarba l-konvenuta naqset li tirrispondi għal tali ittra fit-termini tal-artikolu preċitat wara li ġiet debitament notifikata nhar l-20 ta' Ġunju 2017, l-attur ma kellux triq oħra ħlief li konsegwentament jistitwixxi l-proċeduri odjerni biex jiġi ddikjarat minn din il-Qorti bħala l-missier naturali tal-minuri. Fid-dawl tal-premess, l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni inkluż dawk tal-ittra uffiċjali, ser jigu allokati lill-konvenuta C D.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Kuraturi Deputati, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talba stante li ormai dawn ġew sorvolati fil-mori tal-kawża;

2. Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara illi l-minuri E D huwa l-wild naturali tal-attur A B, detentur tal-karta tal-identita' XX, u kif ukoll li l-attur A B, detentur tal-karta tal-identita' XX huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri E D;

3. Tilqa' limitatament ir-raba' talba, fis-sens illi tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' E D, liema Att tat-Twelid 1274 tas-sena 2012, u dan billi jiġu kkanċċellati l-kliem *'Unknown Father'* fl-att imsemmi u minflok jiġi inserit isem il-konvenut A B u l-konnotati kollha tiegħu; tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iniżżel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' E D, li jġib in-numru progressiv 1274 tas-sena 2012, sabiex jistabbilixxi illi l-minuri għandu jibqa' magħruf bil-kunjom *'D'*.

[23] Sentenza preliminari, mogħtija nhar is-27 ta' Mejju 2015 (Rik. Ġur. Nru. 268/2016 AL).

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża odjen, inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 82/2017 għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta C D.